# Daqqaqa Beltin mhux magħrufa fis-seklu 18 (II)

**NOEL D'ANASTAS**
B.LAIS (Melit.), M.Mal. Stud. (Melit), A. Mus. LCM

Fil-ħarġa tas-sena l-oħra kont bdejt nikteb dwar id-daqqaqa Beltin mhux magħrufa tas-seklu 18. F'dan l-ewwel parti tal-artiklu, kont iffukajt fuq l-attività mużikali fil-purċissjoni ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt, b'mod partikolari fuq ir-rendikont tal-ħlasijiet mogħtija lid-daqqaqa tat-trombi, fifri, tnabar u strumenti oħra kif ġie ddokumentat fir-reġistri tal-Veneranda Lampada ta' matul diversi snin. Tajt ħarsa wkoll lejn l-identità ta' wħud minn dawn id-daqqaqa, ħafna minnhom kienu jdoqqu fuq ix-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann.

Fil-ħarġa ta' din is-sena se nkompli nwassal aktar tagħrif fuq min setgħu kienu dawn id-daqqaqa fil-purċissjonijiet ta' matul is-seklu 18, daqqaqa Beltin u oħrajn li kienu barranin iżda residenti l-Belt, ħafna minnhom impjegati fuq il-galeri tal-Ordni. Dawn id-daqqaqa jwasslu l-identità tagħhom mix-xhieda li taw quddiem il-Kanċillier tal-Kurja tal-Isqof għal stat liberu propju ftit jiem biss qabel dawn iżżewġu, jew li kienu taw xhieda għal ħaddieħor li forsi fis-snin ta' qabel kienu ħadmu magħhom fil-qrib jew li kienu jafuhom sew, liema dokumentazzjoni tinsab arkivjata għall-prosperità u r-riċerka fl-Arkivju Arċiveskovili fil-Furjana u fl-Arkivju tal-Katidral Metropolitan fl-Imdina.



*Galera Capitana*

## Il-familji Arnaud u Tedesco

Żewġ familji marbuta sew mal-attività mużikali fuq ix-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann kienu Arnaud u Tedesco.

Il-familja Arnaud kienet familja ta' mużiċisti mill-Belt. Fl-1718, Gio. Batta Arnaud mill-Belt iżda joqgħod Bormla, kien deher quddiem il-Kanċillier tal-Kurja tal-Isqof u stqarr li kien ilu 15-il sena imbarkat bħala 'tamborlino' fuq il-vaxxell San Giuseppe tal-Ordni.[1] Ibnu Paolo, twieled Bormla u fi ċkunitu kien joqgħod il-Belt. Huwa kien idoqq it-tambur fuq il-galera San Giovanni, wieħed mill-bosta daqqaqa li kien hemm fuq il-Capitana. Fl-1753, Paolo jirrimarka li kien ilu jgħix il-Belt għal 12-il sena u kien ilu jdoqq għal madwar tmien snin.

Fuq l-istess bastiment kien hemm idoqq miegħu ċertu Francesco Borg mill-Belt, li kien idoqq it-tanbur. Magħhom kien hemm ukoll Andrea Micallef, imwieled Għawdex iżda residenti fil-Belt, li kien idoqq il-fifra. Paolo Arnaud, bħal missieru Gio. Batta, kien illitterat kif kienu wkoll Borg u Micallef.[2] Jidher li Paolo Arnaud dam aktar minn 20 sena attiv fuq il-bastiment San Giovanni iżda ma baqax idoqq it-tanbur. Fil-fatt, fl-1774, fix-xhieda tiegħu għal-stat liberu ta' ċertu Andrea Agius, jgħid li jdoqq il-fifra. Andrea Agius, li kien mill-Belt ukoll, jistqarr li kien għamel tmien snin idoqq it-tanbur fuq il-bastiment San Giovanni.[3]

Familja oħra b'attività fuq ix-xwieni tal-Ordni kienet dik Tedesco li kienet ġiet minn Messina fis-seklu 18. Salvatore Tedesco kien ġie Malta u baqa' jgħix hawn. L-iStatus Animarum tal-parroċċa tal-Porto Salvo fil-Belt tal-1762, jiddokumenta li Salvatore Tedesco kellu 69 sena u kien joqgħod ma' martu



Musici per il Solenne Possesso di S.A.S. Fra D. Emmanuele De Rohan, Gran Maestro, seguito li 27. Ottobre 1776. giorno di Domenica

| | | | |
|---|---|---|---|
| Al Sig.r S. Arcangelo Soprano | 2. | 6. | – |
| Al Sig.r Sig.a Contralto | 2. | 6. | – |
| Al Sig.r Gaetano Ettore Tenore | 2. | 2. | – |
| Al Sig.r Fra Gio: Batta [illegible] Tenore | 2. | – | – |
| Al Sig.r Antonino Disdu 1.o Vio.no | 2. | – | – |
| Al Sig.r Sisio 2.o Vio.no | 2. | – | – |
| Al Sig.r Angiolino il Veneziano Vio.no | 2. | – | – |
| Al Sig.r Onorato Balbi Vio.no | 1. | 8. | – |
| Al Sig.r Michelino Amato Vio.no | 1. | 8. | – |
| Al Sig.r Gasparo Vio.no | 1. | 8. | – |
| Al Sig.r D. Emmanuele Farrugia Vio.no | 1. | 8. | – |
| Al Sig.r Giuseppe Biancardi Oboe | 2. | – | – |
| Al Sig.r Antonio Sfarda Oboe | 2. | – | – |
| Al Sig.r Claudio Tedesco Tromba | 2. | – | – |
| Al Sig.r Agostino Bertalli Tromba | 2. | – | – |
| Al Sig.r Francesco Disdu Violoncello | 2. | – | – |
| [illegible] in due prove e due cene, e per calessi | 13. | 6. | 8 |
| Al Sig.r Giuseppino Mizzi per [illegible] portato [illegible] in Valletta, e [illegible] | 2. | – | – |
| | 47. | 4. | 8. |

124

Arkivju tal-Kattidral, Depositeria 27



Stat Libero ta' Giuseppe Lant imwieled Amsterdam

Anna u wliedu, fosthom Simone li kellu 19-il sena, Carlo ta' 12-il sena u Giacinto ta' 10 snin. Matul is-snin, it-tliet uliedu kienu kollha mużiċisti. Kienu joqgħodu fl-inħawi tal-Mandraġġ.[4] Simone u Carlo kienu jdoqqu fuq ix-xwieni kif ukoll fil-kastell ta' Sant'Iermu u anke fil-Palazz tal-Gran Mastru.[5]

Simone Tedesco twieled il-Belt fl-1743 u ta' 21 sena kien diġà jdoqq it-tromba fuq il-bastiment tal-Kmandant tal-Ordni.[6] Ħuh Carlo, imwieled fil-Belt Valletta fl-1751, kien trumbettier fuq il-bastiment San Giovanni tal-Ordni.[7]

Meta kiber, Giacinto Tedesco kien vjolinista. Insibuh fost dawk li ġew arrestati fl-irvell tal-qassisin li seħħ fil-lejl tat-8 ta' Settembru 1775. Jumejn wara, Giacinto u oħrajn kien intbagħat il-ħabs ta' Sant'Iermu. Giacinto milli jidher kien ġie mqarraq biex fil-lejl jidħol Sant'Iermu iżda ħarab l-għada filgħodu - "Giacinto Tedesco suonatore di violino si presento perchè era stato con inganno fatta entrare in Sant Elmo di notte, ed alla mattina a' buon ora se ne fuggì." Fl-istess jum, Giacinto jinħeles b'ordni tal-Gran Mastru.[8]

Familja oħra b'kunjom Tedesco kienet dik ta' Nicolò. Fl-14 ta' Ġunju 1725, Nicolò Tedesco, iben il-mejjet Francesco u Sebastiana, imwieled Messina, jidher quddiem il-Kanċillier tal-Kurja u jikkonferma l-istat liberu tiegħu. F'dik is-sena jgħid li kellu 22 sena.[9] Nicolò u ibnu Claudio kienu jdoqqu fil-kastell ta' Sant'Iermu u anke fil-Palazz tal-Gran Mastru. Ħafna snin wara, insibu lil Nicolò, martu Anna u binhom Claudio Tedesco joqogħdu fl-inħawi tal-knisja tal-Karmnu fil-parroċċa tal-Porto Salvo, propju f''terza strada mez. da Strada Stretta della polvere'. Fl-istess triq kien hemm joqogħdu l-familja ta' Enrico Balbi, vjolinista li kien idoqq fil-kappella mużikali tal-Katidral fl-Imdina, filwaqt li fl-istess inħawi, ftit bogħod, kien joqgħod Giuseppe Sciavalier u ibnu Gio. Batta li matul is-snin kienu jdoqqu fil-kappella mużikali tal-knisja Konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann.[10]

Claudio Tedesco nsibuh idoqq fil-Katidral, kif jixhdu r-reġistri tal-ħlasijiet tal-Katidral Metropolitan fl-Imdina. Wieħed isib dokumentazzjoni tal-ispiża għar-rinforz tal-mużiċisti għall-pussess solenni tal-Gran Mastru De Rohan li saret fil-Katidral nhar il-Ħadd 27 ta' Ottubru 1776. Fost il-mużiċisti li nġiebu kien hemm Claudio Tedesco (tromba), u Antonio Sfarda (oboe) mill-Belt li kien 'Capo di musica della squadra delle nave di questa Sacra Relig. colla nave S. Gioacchino'.[11] Magħhom kien hemm Onorato Balbi, iben Enrico (vjolin); Angelo Nani (vjolin prim) li kien irreġistrat bħala 'Angiolino il veneziano', u

Gaetano Ettore (tenur), kollha residenti l-Belt, b'dan tal-aħħar imwieled Katanja u kien ukoll Maestro di Cappella fil-Mosta fis-snin 60 tas-seklu 18.[12]

Mużiċist ieħor fil-familja Tedesco kien Vincenzo, iben Antonio u Anna Maria, imwieled il-Belt Valletta fl-1756. Kien idoqq it-tromba di caccia fuq il-bastimenti tal-Ordni. Vincenzo Tedesco kellu lil Carlo Antonio Avellino, ħabib tiegħu li wkoll kien idoqq it-tromba di caccia. Fuq ix-xwieni tal-Ordni kien hemm ukoll ċertu Salvatore Casha mill-Belt li kien idoqq il-klarinett.[13]

Fost daqqaqa oħra residenti fil-Belt Valletta attivi fuq ix-xwieni matul is-seklu 18 kien hemm Michele Agius, Raffaello Bonet, Lorenzo Buhagiar, Giuseppe Debattista, Giuseppe de Celis, Francesco Dublesin, Tomaso Felici, Giuseppe Grech, Gio. Batta Vella, Lorenzo Xicluna, Gaetano Xuereb, u Enrico Zahra, kollha jdoqqu t-tanbur. Daqqaqa tal-fifra mill-Belt kien hemm Antonio d'Aloisio, Michel Angelo Cassar, Salvatore Darmanin, Giuseppe Fabri, Paolo Micallef, u Rosario Tonna. Vincenzo Partù u Bernardo Satariano kienu jdoqqu l-klarinett.

## Daqqaqa ta' nazzjonalità barranija, residenti fil-Belt

Jidher li bosta daqqaqa fuq ix-xwieni tal-Ordni kienu ta' nisel barrani li żżewġu mara Maltija u baqgħu jgħixu f'Malta. Fost dawn kien hemm Christophle Charmon, Franċiż residenti l-Belt. Imwieled fis-sittinijiet tas-seklu 17 u ddokumentat li kien trumbettier mal-Ordni ta' San Ġwann.[14] Pietro Falucci kien minn Porta Ferrero fid-Djoċesi ta' Massa. Fid-dikjarazzjoni tal-istat liberu tiegħu fl-1708, jgħid li wara li kien għamel sentejn u nofs bħala negozjant f'Livorno, kien irritorna lura lejn Porto Ferrero. Jixhed li għal madwar sentejn u ftit xhur kien idoqq it-tanbur fuq il-galera San Antonio, u ta servizz ta' tamborlin fuq il-bastiment San Giovanni.[15]

Mużiċist ieħor kien Giuseppe Lant imwieled f'Amsterdam, l-Olanda fis-snin 80 tas-seklu 17. Studja l-mużika f'Napli, fil-konservatorju Pietà dei Turchini. Wara daqq it-tromba fuq il-vaxxell tal-piraterija tal-Kmandant, il-Kavallier Pallavicini.[16]

"Jidher li bosta daqqaqa fuq ix-xwieni tal-Ordni kienu ta' nisel barrani li żżewġu mara Maltija u baqgħu jgħixu f'Malta "

Fl-1713, Francesco Carlone minn Montefortino, muniċipalità fil-provinċja ta' Fermo, ftit 'il bogħod minn Ancona, kien joqgħod il-Belt. Kien trumbettier fuq il-Capitana. Carlone, li kien illitterat, jixhed għal stat liberu ta' Francesco Antonio Bonanni minn Foligno, villaġġ antik fil-provinċja ta' Perugia.[17]

Insibu li fl-1717, Tomaso Grinda mid-Djoċesi ta' Nizza kien għadu żagħżugħ u kien joqgħod il-Belt. Kien idoqq it-tanbur mal-iskwadra tas-suldati tal-Gran Mastru u għal xi żmien kien f'Ruma – "Come che due anni in circa sono ritrovano nella città di Roma in qualità di tamborlino in servizio…"[18] Fl-istess sena, Jean Chevaglie, Franċiż residenti l-Belt, kien idoqq it-tamburlin mal-iskwadra tal-Gran Mastru.[19]

Fl-1719, il-galera San Giovanni kellha tliet daqqaqa mill-Ġermanja. Nicolò Osman minn Franconia – reġjun storiku fil-Ġermanja li jiġbor fih il-parti ta' fuq tal-istat modern tal-Bavarja u parti mill-Punent – kien residenti fil-Belt u kien idoqq it-trumbetta.[20] Trumbettier fuq l-istess bastiment kien Gio. Federico Risler minn Hiegrendolf fil-Ġermanja, li f'dik is-sena kellu madwar 29 sena. Jgħid li meta kien għad kellu 16-il sena, telaq minn pajjiżu u mar suldat f'servizz lill-Maesta Cesarea f'ħafna pajjiżi fil-Ġermanja u hemm għamel għal madwar 13-il sena. Wara għamel tliet xhur Ruma fejn kien imbarkat fuq il-vaxxell Pontifiċju.[21] Milli jidher, sew Risler kif ukoll Osman kienu ilhom jagħtu servizz fuq il-galera San Giovanni għal dawk l-aħħar tliet snin u nofs.[22] Seħibhom, Andrea Scemberch minn Salsperch [Salzburg], muniċipalità tal-Ġermanja u joqgħod il-Belt, kien idoqq it-tanbur fuq l-istess bastiment.[23]

Fl-1721, kien hemm idoqq it-tamborlin fil-gwardja tal-Gran Mastru ċertu Giacomo Vannuzzi minn Livorno li wkoll kien jgħix fil-Belt.[24] Fl-1722 niltaqgħu ma' ċertu Francesco Antonio Bonanno minn Foligno li kien idoqq it-trumbetta fuq il-bastiment Capitana.[25]

Żewġ Taljani oħrajn li kienu attivi fuq ix-xwieni tal-Ordni matul it-tieni nofs tas-seklu 18 kienu Pasquale Grazio u Francesco Muscarà. Pasquale Grazio, imwieled f'Lucigniano, ftit kilometri mill-villaġġ ta' Siena, kien residenti fil-Belt u fl-1748 kien idoqq it-tromba di caccia. Meta kellu 20 sena żżewweġ f'Malta iżda qabel ġie f'artna kien jagħti servizz lil wieħed mill-Kavallieri.[26] Huwa kien idoqq ukoll ma' Natale Pisano fuq ix-xwieni. In-Naplitan Francesco Muscarà ġie Malta meta kien għad kellu 22 sena u hawn għamel seba' snin idoqq it-tambur fuq il-vaxxell tal-Ordni.[27] Fl-1784, fuq l-istess vaxxell kien hemm idoqqu t-tambur miegħu Antonio Camilleri u Giuseppe Grima, it-tnejn mill-Belt.[28]



*Stat Libero ta' Nicolo Tedesco*



*Status Animarum Porto Salvo 1762*

## Għeluq

Dawn id-daqqaqa huma ftit mill-ħafna li kienu residenti l-Belt, belt kosmopolitana. Għexu ħajjithom fuq il-baħar u qalgħu l-għajxien tagħhom mid-daqq tat-tnabar, fifri, trombi u klarinetti. Kienu propju dawn id-daqqaqa li komplew sebbħu l-purċissjonijiet fit-toroq bid-daqq tagħhom.

Din hija parti mill-istorja rikka li toħodna fil-ħajja soċjali, kulturali u reliġjuża ta' dawk iż-żminijiet, meta l-festi tal-Konverżjoni u n-Nawfraġju ta' San Pawl fil-Belt Valletta kienu ċċelebrati bl-aħjar mod.

Ħajr lill-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, il-Furjana u lill-Arkivju tal-Katidral Metropilitan, l-Imdina; Michael Buhagiar, Mario Gauci, Mikea Sammut.

## Referenzi

1. Arkivju tal-Katidral, l-Imdina. C(uria) E(piscopalis) M(elitensis), A(cta) O(iginalia) 942 (1718), f.82.
2. CEM, AO 786 (1753), ff.289-291
3. CEM, AO 823 (1774), ff.99, 100. Paolo Arnaud jissemma wkoll bħala daqqaq tal-'pifara' fl-1772. Cf. CEM, AO 332 (1772), f.231.
4. CEM St(atus) Anim(arum) Vol.29 (Porto Salvo, Valletta 1762), f.57v
5. Librerija Nazzjonali ta' Malta, A(rchives) O(Order) M(alta)1000, p.148
6. CEM, AO 995 (1764), f.164
7. CEM, AO 331 (1771), f.264
8. NAM, Libro di Carcerati 1773-1781, f.60
9. CEM, AO 751 (1725), f.175
10. CEM St. Anim Vol.29 (Porto Salvo, Valletta 1762), f.49v
11. Arkivju tal-Katidral, l-Imdina. A(rchivum) C(athedralis) M(elitensis), Depositeria 27 f.124. Aktar dettalji ara: F. Bruni, Musica e musicisti alla Cattedrale di Malta nei secoli XVI-XVIII (Malta: Malta University Press, 2001), p.250.
12. Dwar Gaetano Ettore ara: N.D'Anastas, 'Gaetano Ettore, Maestro di Cappella fil-Mosta (1782-1788) u d-daqqaqa fil-purċissjoni ta' żmienu', Soc. Fil. Nicolò Isouard, Mosta, Malta, 1996, 71
13. CEM, AO 1026 (1783), ff.156-8
14. CEM, AO 724 (1708), f.286
15. Ibid. f.133
16. CEM, AO 727 (1710), f.285
17. CEM, AO 732 (1713), f.368
18. CEM, AO 742 (1717), f.29
19. Ibid, f.351r-v
20. CEM, AO 746 (1719), f.182 r-v; CEM, AO 951 (1725/26), f.90
21. CEM, AO 746 (1719), f.189
22. Ibid. ff.182v-183
23. Ibid. f.195
24. CEM, AO 748 (1721), f.354r-v
25. CEM, AO 949 (1722), f.14
26. CEM, AO 300 (1748), f.61
27. CEM, AO 340 (1782-85), f.262
28. Ibid. f.263r-v